# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **14 TA' APRIL 2019**

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Illum is-Sibt 13 ta' April 2019 fil-Knisja tan-Nigret, ir-Rabat fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Jum iż-Żgħażagħ / Ħadd il-Palm**

Għada l-Ħadd 14 ta' Marzu 2019 niċċelebraw Ħadd il-Palm. Fid-8:45am niltaqgħu l-Mużew tas-Subien għat-tberik tal-frieghi taż-żebbuġ u nimxu flimkien sal-knisja għall-quddiesa tad-9:15am. Qed nistiednu lit-tfal biex jilbsu ta' Lhud.

**It-Talba ta' filgħodu u filgħaxija tal-Knisja**

Mit-Tnejn sas-Sibt fil-quddiesa tat-7.45am nitolbu flimkien it-talba ta' filgħodu tal-Knisja u fil-quddiesa tas-6.00pm nitolbu t-talba ta' filgħaxija tal-Knisja.

**Via Sagra fl-inħawi tal-Munxar**

It-Tnejn 15 ta' April 2019 bħala Parroċċa ser nagħmlu Quddiesa u Via Sagra fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu fi Triq il-Munxar. Nibdew bil-Quddiesa fis-7:00pm fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu u wara Via Sagra bix-xbieha ta' Ġesù Kurċifiss li tgħaddi minn Triq il-Munxar, l-Aħdar, Triq ta' Gidwet u tal-Gardiel. Kulħadd huwa mistieden.

**Velja ta' Talb u Riflessjoni fil-Knisja Parrokkjali**

It-Tlieta 16 ta' April 2019 l-Kummissjoni Familja qed torganizza Velja ta' Talb u Riflessjoni fil-Knisja Parrokkjali quddiem ix-xbieha ta' Ġesù Kurċifiss fis-7:00pm.

**Via Sagra**

Matul ir-Randan nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa jkollna t-talba tal-Via Sagra fil-Knisja Parrokkjali, għalhekk fil-5.45pm jkollna t-talba tar-Rużarju u fil-6.00pm il-Via Sagra.

**Via Sagra Nazzjonali**

L-Erbgħa 17 ta' April 2019 Mons. Arċisqof se jmexxi l-Via Sagra Nazzjonali. Din tibda fis-7:00pm minn ħdejn l-istatwa ta' Kristu Re (quddiem il-lukandan Phoenicia) sal-Konkatidral ta' San Ġwann. Il-parroċċa qed torganizza trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fis-6:00pm. Tkun xi ħaġa sabiħa li bħala komunità parrokkjali ningħaqdu mar-ragħaj spiritwali tagħna flimkien ma' ħutna l-insara u nitolbu flimkien it-triq tas-salib ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawk li jixtiequ jiġu magħna bit-trasport jiktbu isimhom fis-sagristija sa nhar it-Tnejn 15 ta' April 2019.

**Ħamis ix-Xirka**

Il-Ħamis 18 ta' April 2019 fid-9:00am ssir quddiesa fil-Konkattidral ta' San Ġwann fejn l-Arċisqof ibierek iż-Żjut Imqaddsa.

Fl-4:30pm quddiesa għat-tfal li fiha nfakkru t-Twaqqif tal-Ewkaristija u jsir il-ħasil tar-riġlejn. It-tfal iġibu magħhom il-karus tal-imħabba.

Fis-6:30pm fil-Knisja Parrokkjali Konċelebrazzjoni Solenni li fiha nfakkru it-Twaqqif tal-Ewkaristija u jiġu maħsula s-saqajn ta' persuni li ser jirrappreżentaw l-appostli.

Fit-8:00pm jibdew il-Viżti u l-Knisja tibqa miftuħa sa 12:00am. Tkun ħaġa sabiħa li tiġu bħala familja iżżuru lil Ġesù Ewkaristija.

**Il-Ġimgħa l-Kbira**

Il-Ġimgħa 19 ta' April 2019, Jum il-Ġimgħa l-Kbira, infakkru fl-**obbligu tas-sawm u l-astinenza**.

Fis-7:00am jkollna adorazzjoni u visti, fit-8:00am t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u l-Knisja tibqa miftuħa sa 12:00pm.

Fit-3:00pm jkollna t-Tifkira tal-Passjoni tal-Mulej. Inġibu magħna fjura biex inqiegħduha ħdejn ix-xbieha ta' Ġesù mejjet wara l-funzjoni.

**Sibt il-Għid**

Is-Sibt 20 ta' April 2019 mis-7:00pm sas-7:30pm ikun hawn il-qrar fil-Knisja Parrokkjali.

Fit-8:00pm tibda l-Quddiesa tal-Vġili tal-Għid il-Kbir li fiha jsir it-tberik tal-Blandun, Qari mill-Iskrittura u Magħmudija ta' trabi.

**Ħadd il-Għid**

Il-Ħadd 21 ta' April 2019 fil-quddiesa tad-9:15am isir it-tberik tal-figolli.

**Ġimgħa ta' Sagrifiċċju**

Matul din il-ġimgħa fuq l-artal ikollna l-Kaxxa tal-Ħniena li permezz tad-donazzjonijiet tagħna ser jiġu megħjuna l-familji fil-bżonn.

**Fjuri għas-Sepulkru**

Sa nhar it-Tlieta filgħaxija min jixtieq jista' jġib fjuri bojod u weraq biex jintużaw fl-armar tas-Sepulkru. Nirringrazzjaw lil xi persuni li tawna donazzjonijiet għall-fjuri għas-Sepulkru.

**Programm tat-Tberik tal-Familji**

Man-*noticeboard* tal-Knisja u fil-fuljett *Flimkien* issibu l-programm tat-Tberik tal-Familji.